# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 30**

**Avviz numru 510/01/SM**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Joe Formosa u martu Christina Formosa.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebghajn lira (LM870) rappresentanti import ta' ghaxar (10) kambjali, ta' LM87 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament.**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghall-LM28, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**